# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 7-14

**Data: 26 ta' Gunju** 2014

**Hin:** 5:00pm

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

Maria Sultana – Kunsilliera , giet skuzata peress li kienet imsiefra.

# MINUTI

Is-Sindku Ms.Speranza Chircop ppresediet.

**TALBA**

Is-Sindku Ms.Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

**Il-Minuti gew reveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgha u kulhadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti ohra li kellhom jigu mqajjma dwar il-laqgha li saret f'Mejju 2014.**

2. ***Il-Minuti gew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku Is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku is-Sur Christopher Bruno.***

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku Speranza Chircop ressqet ilment / suggeriment dwar garaxx fix-Xatt tal-Kalkara li fis-snin ta' qabel kien hanut u l-parkeggi fl-istess Triq saru b'mod li jaggevolaw aktar in-nies minnhabba li l-ebda karozza ma kienet qeghda tiddahhal f'dan il-garaxx / hanut. Dan l-istess garaxx m'ghadux hanut imma qieghed jigi ntuzat bhala garaxx biex tiddahhal karozza kif ukoll

dghajsa. Dan l-istess persuna li ghandu dan il-garaxx talab biex il-parking bay ta' quddiemu tigi mnehhija ghaliex qed ikun impossibli li jdahhal il-karozza tieghu. Is-Sindku spjegat li ser tkun qed tinzel mal-haddiema tal-Kunsill biex b'hekk issib l-ahjar soluzzjoni biex kemm jista jkun ma jitnaqqsux parkeggi fdin it-Triq. Is-Sindku spjegat ukoll illi x'aktarx ser ikunu qeghdin jigi mcaqilqin xi parkeggi b'mod komdu ghall-kulhadd minghajr ma' tinholoq ebda inkonvenjenza ghal-residenti ohra.

3.2 Is-Sindku nfrumat lill Kunsill illi rceviet telefonata minghand individwu fejn din talbet permess biex fiz-zmien tal-festa tkun tista tarma mejda b'affarijiet tal-artiggjanat

Il-Kunsill kollu qabel illi din il-mejda ghandha tinghata permess man naha ta fejn ikun hemm gabbani ohra tat-toys.

3.3 Is-Sindku nfurmat li kienet ser taghmel laqgha mal-Cottonera Resource Centre biex nibdew naghmlu xi sezzjonijiet fuq dentistrija fil-berga tal-Kalkara, biex b'hekk in-nies ikollhom aktar servizzi ghal-beneficcji taghhom.

3.4 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill li ser tkun qed titkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill biex it-tarag li hemm fi Triq il-Gir kantuniera ma Triq il-Kappucini jingiref biex b'hekk ma jibqax jizloq u jkun ta' periklu ghan-nies.

3.5 Is-Sindku sahhqet illi ghandna nibdew nahdmu biex jinhareg ktieb ta informazzjoni / storja fuq il-Kalkara. Is-Sinjura Chircop infurmat lil Kunsill li ser tkun qed tigi mqassma ittra f'kull residenza fil-Kalkara biex kull min ghandu xi nformazzjoni dwar il-Kalkara jghaddija lil Kunsill, biex b'hekk fi zmien qarib jinghaqad kollox u nkunu nistghu nahdmu fuq ktieb informattiv fuq il-Kalkara.

3.6 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar laqgha li kellha mal-Principal tal-iskola Primarja tal-Kalkara biex bill-kollaborazzjoni taghhom noholqu sezzjonijiet tal-Aerobika fl-iskola. Is-Sinjura Chircop spjegat illi din is-sena ser tkun bhala wahda ta' prova biex b'hekk ikollna idea inkoprux l-ispejjez li irridu nkopru habba l-uzu tas-sala tal-iskola.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

3.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar laqgha li kellha mal-Pulizija mis-sezzjoni Drug Squad fejn tkellmu dwar il-problemi li hawn fl-inhawi tal-Kalkara fir-rigward ta' siringi kif ukoll bejgh ta sustanzi illegali.

3.8 Is-Sindku nfurmat dwar laqgha li kellha mad-Deputat Kummisarju tal-Pulizijja rigward CCTV cameras fil-lokalita' tal-Kalkara. Kif kien diga gie diskuss fil-minuti precedenti, il-Kunsill kollu qabel illi ghandna bzonn dawn il–cameras f'areas jaharqu gewwa il-Kalkara pero' minhabba nuqqas ta' fondi finanzjarji il-Kunsill mhuwiex f'pozizzjoni li jaghmel dawn l-istess cameras fi zmien qarib.

3.9 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar laqgha li kella flimkien mal-Kunsillier is-sur Pawlu Bongailas mal-ghaqdiet tal-festi dwar il-hruq tan-nar fi zmien il-festa biex b'hekk sar kompromess ma kulhadd biex jitnaqqas l-inkonvenjenza ta' parkegg ghar residenti aktar u aktar meta hawn nuqqas ta parkegg minhabba il-progett li qed issir fil-prezent;

Triq is-Salvatur ; tinbidel ir-rotta tat-traffiku
Triq Marina ser tinghalaq minn naha wahda biss
Triq Luigi Pisani ser tkun qed tinzamm bhala triq ghall-hrug biss mill-Kalkara

3.9.1 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar zewg inpjegati tal-Gvern mibghutin mill-Ministru biex jghatuna l-ghajnuna fix–xogholijiet ta barra.

3.10 Is-Sindku sahhqet dwar trangar ta' parkeggi f'zewg toroq gewwa il-Kalkara;

Triq Luigi Pisani; hemm bzonn li jitnehhew il-parkeggi kollha prezenti minnhabba li hemm is-sit tal-Progett tal-MCST mahrug il-barra bil-hoarding u hadd mhu qed ikun jista jghaddi. It-Triq giet perikoluza immens minhabba li kulhadd jidhol u johrig b' lura.

Triq l-iSptar Navali hemm bzonn li jinholqu parkeggi godda skond il-ligi biex b'hekk innaqsu il-konfuzjoni li qed ikun hemm prezentament.

3.12 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar il-gita li ghamlet aktar kmieni f'dan ix-xahar fi Sqallija (Agriturizmu) fejn kellha attendenza tajba hafna kif ukoll rispons tajjeb minn nies li attendew.

4. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

*4.1* ***<u>Vici Sindku – is-Sur Chris Bruno</u>***

a. Is-Sur Bruno staqsa dwar punt numru 5.5 mill- minuti precedent biex l-Accountant tal-Kunsill jerga iqabbel id-differenza fic-cifri li rrizultaw fir-rapport finanzjarju tieghu ghas-sena 2012 u 2013 biex ikollna aktar provi cari ghad–differenzi li ipprezenta f'dan l-istess rapport.

b. Il-Vici Sindku sahaq illi z-zghazagh ghandhom jigu involuti fl-attivita' li ser issir aktar il-quddiem mill-Kunsill (Awwissu 2014). Talab lis-segretarju biex tibghat email u tinfurmahom b'dak kollu li ser ikun qed jigri biex b'hekk huma ikunu jistghu jghatu sehemhom f'din l-istess attivita' mill-ahjar li jistghu.

c. Is-Sur Bruno informa il-Kunsill illi l-applikazzjoni tal-Youth Project giet sottomessa u r-rizultat taghha ser ikun qed jinhareg aktar tard f'Lulju.

Is-Segretarju kellha ticcekja mal-EUPA biex tara l-process fejn wasal fuq din l-istess applikazzjoni.

d. Is-Sur Bruno ressaq ilment fuq l-Istage li hemm ix-xatt lejn il-mina tal-Kalkara minhabba li in nies kienu qeghdin ihammgu il-hitan ta' xi residenzi fejn dan l-istage, kif ukoll ipparkjar hazin ta' karozzi fejn dan l-istess stage.

*4.2* ***<u>Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas</u>***

a. Is-Sur Bongailas offra quddiem il-Kunsill l-ghajnuna tieghu ghall-attivita' li ser tigi organizzata aktar tard din is-sena ghall-zmien il-Milied li ser tkun qed tigi imtella mill-Vici Sindku is-sur Christopher Bruno.

b. Is-Sur Bongailas informa lill-Kunsill fuq kwistjoni li 'nqalat fuq il-'facebook' aktar kmieni din il-gimgha fuq it-tabelli li twahhlu fil–Bajja ta' Rinella. Dawn t-tabelli juru illi f'parti partikulari tal-bajja in–nies ser ikunu jistghu jinzlu bil-klieb il-bahar. Ir-residenti kitbu fuq il-facebook dwar kif il-bajja ser tkun qed tigi utilizzata mill-klieb ukoll.

Is-Sur Bongailas ser ikun qieghed jiehu xi ritratti ta dawn it-tabelli biex b'hekk ikun jista ifijhem in–nies aktar fid-dettal li mhux kullimkien il-klieb mhux ser ikunu permessi fuq ir-ramla.

c. Is-Sur Bongailas ressaq ilment ta' resident li joqghod fi Triq l-iSptar Navali fejn hemm bicca konkrita perikoluza mal-art li qed tikkawza hafna incidenti kif ukoll qeghdin jaqaw hafna nies fiha ghax qeghda b'mod li ma tarahiex.

d. Is-Sur Bongailas talab permess biex jordna il-fjuri tal-festa bhas-snin ta' qabel lis-Sindku. Is-Sindku tatu permess biex jiehu hsieb din il-bicca tax-xoghol hu stess.

e. Is-Sur Bongailas ressaq ilment dwar ir-rubber li qieghed jinqala il-bandli tal-Kalkara. Talab biex dan jigi irrangat ghaliex qeghdin iweggaw it-tfal.

f. Is-Sur Bongailas informal ill-Kunsill dwar il-kompjuters li ghandna mislufin minghand l-MCA. Dawn tal-ahhar ser ikunu qeghdin jigbruhom fi zmien qarib ghal-uzu taghhom x'imkien iehor kif ukoll ituhomlna lura bl-ahhar updates.

4.3 ***Kunsillier-Is-Sur Vince Bongailas ghadda dawn il-punti***

a. Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Segretarju tkellem l-MCST dwar il-parkegg maghluq fi Triq Luigi Pisani biex insibu kompromess maghhom u tinfetah iz-zona reservata ghal dik il-gimgha tal-festa biex b'hekk insolvu il-problema ta' parkegg f'din l-istess triq.

b. Is-Sur Vince Bongailas informa il-Kunsill dwar laqgha li attenda aktar kmieni din il-gimgha fuq tindif ta' bajjiet fosthom il-Bajja ta' Rinella. Huwa ukoll ipprezenta ktieb ta' informazzjoni fuq din l-istess laqgha

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar ittra li ircevejna minghand ir-Reverendu taz-Zejtun fejn qed jitlob ghajnuna finanzjarja ghal-persuna fil bzonn minhabba mard kroniku.

Din l-ittra ser tkun qed tintbghat lill-Kunsilliera kollha biex min ikun interessat jibghat xi donazzjoni ikun jista jaghmel dan f'ismu.

5.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ittra ta' nottifika li rceviet minghand il-Kappillan tal-Kalkara biex b'hekk inkunu nafu x'attivitajiet hemm organizzati minn naha tal-Parrocca.

Din l-ittra ser tkun qd tintbghat lill-Kunsilliera kollha ghall-informazzjoni taghhom.

5.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar kopja ta' permess ta' akkwist ta' art gewwa il-Kalkara mahrug mid-Dipartiment tal-artijiet.

Dan il-permess ser ikun qed jintbghat lill-Kunsilliera kollha ghall-informazzjoni taghhom.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fid-20:30hrs u giet aggornata ghat-Tlieta 29 ta' Lulju 2014 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Elaine Caruana | Speranza Chircop |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |